Verżjoni Elettronika



*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,757, 24 ta' Diċembru, 2021*
*Taqsima B*

**A.L. 488 tal-2021**

**ATT DWAR IL-PROTEZZJONI INTERNAZZJONALI (KAP. 420)**

**Regolamenti tal-2021 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-I*standards* ta' Proċedura għall-Għoti u l-Irtirar tal-Protezzjoni Internazzjonali**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 25 tal-Att dwar il-Protezzjoni Internazzjonali, il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà Nazzjonali u l-Infurzar tal-Liġi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u għan.

**1.** (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2021 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-I*standards* ta' Proċedura għall-Għoti u l-Irtirar tal-Protezzjoni Internazzjonali u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar l-I*standards* ta' Proċedura għall-Għoti u l-Irtirar tal-Protezzjoni Internazzjonali, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "r-regolamenti prinċipali".

L.S. 420.07.

(2) L-għan ta' dawn ir-regolamenti hu li jittrasponu:

(a) id-Direttiva 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta Ġunju 2013 dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali (riformulazzjoni);

(b) id-Direttiva 2011/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal stat uniformi għar-refuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija (riformulazzjoni); u

(ċ) id-Direttiva 2013/33/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li tistabbilixxi l-istandards dwar l-akkoljenza ta' applikant għall-protezzjoni internazzjonali (tfassil mill-ġdid).

Jissostitwixxi r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

**2.** Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit bir-regolament ġdid li ġej:

"2. L-għan ta' dawn ir-regolamenti hu li jittrasponu:

Verżjoni Elettronika



(a) id-Direttiva 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta Ġunju 2013 dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali (riformulazzjoni);

(b) id-Direttiva 2011/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal stat uniformi għar-refuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija (riformulazzjoni);

(ċ) id-Direttiva 2013/33/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li tistabbilixxi l-istandards dwar l-akkoljenza ta' applikant għall-protezzjoni internazzjonali (tfassil mill-ġdid).".

Iżid regolament ġdid mar-regolamenti prinċipali.

**3.** Minnufih wara r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali għandu jiżdied ir-regolament ġdid li ġej:

"Informazzjoni u pariri f'faċilitajiet ta' detenzjoni u fil-punti tal-qsim tal-fruntiera.

5A. (1) Fejn hemm indikazzjonijiet li ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni apolidi miżmuma f'faċilitajiet ta' detenzjoni jew preżenti f'punti ta' qsim tal-fruntiera, inklużi żoni ta' transitu, fil-fruntieri esterni, jistgħu japplikaw għal protezzjoni internazzjonali, l-awtoritajiet rilevanti għandhom jipprovdulhom informazzjoni dwar il-possibbiltà li jagħmlu dan u għandhom jagħmlu arranġamenti għall-interpretazzjoni safejn meħtieġ biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-proċedura tal-asil.

(2) Organizzazzjonijiet u persuni li jagħtu pariri u counselling lill-applikanti għandu jkollhom aċċess effettiv għall-applikanti preżenti f'punti ta' qsim tal-fruntiera, inklużi żoni ta' transitu, fil-fruntieri esterni, soġġett għal regoli kif ukoll ftehim li jkopri l-preżenza u l-aċċess ta' dawn l-organizzazzjonijiet u persuni f'dawn il-punti ta' qsim:

Iżda l-limiti fuq tali aċċess jistgħu jiġu imposti biss fejn limiti bħal dawn huma oġġettivament meħtieġa għas-sigurtà, l-ordni pubblika jew il-ġestjoni amministrattiva tal-punti ta' qsim ikkonċernati, sakemm l-aċċess ma jkunx b'hekk ristrett severament jew isir impossibbli.".

**4.** Is-subregolament (2) tar-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

Jemenda r-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali.

"(2) Konsulent legali li jassisti u jirrappreżenta applikant għandu jkollu aċċess għal dak it-tagħrif fil-fajl tal-applikant, li abbażi tiegħu deċiżjoni tkun ittieħdet jew tkun ser tittieħed, u jkun jista' jiġi eżaminat mit-Tribunal tal-Appelli għall-Protezzjoni Internazzjonali safejn it-tagħrif ikun rilevanti għall-eżami tal-applikazzjoni:

Iżda l-konsulent legali għandu jkollu wkoll aċċess għal informazzjoni rigward is-sitwazzjoni ġenerali prevalenti fil-pajjiżi ta' oriġini tal-applikant u, fejn meħtieġ, f'pajjiżi li minnhom l-applikant seta' għamel transitu kif ukoll informazzjoni oħra relatata ma' kwistjonijiet partikolari bħal kwistjonijiet mediċi, kulturali, reliġjużi u relatati mat-tfal jew dwar is-sessi:

Iżda wkoll meta l-iżvelar ta' dak it-tagħrif jista' jipperikola s-sigurtà nazzjonali, is-sigurtà tal-għaqdiet jew persuni li jagħtu t-tagħrif jew is-sigurtà tal-persuni li għalihom jirreferi dak it-tagħrif, jew meta l-interessi tal-istħarriġ marbuta mal-eżami tat-talbiet għal protezzjoni internazzjonali mill-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali jew ir-relazzjonijiet internazzjonali ta' Malta jistgħu jsofru preġudizzju, ma għandux jitħalla jsir dak l-aċċess.

**5.** Ir-regolament 13 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit bir-regolament ġdid li ġej:

Jissostitwixxi r-regolament 13 tar-regolamenti prinċipali.

"13. (1) Meta applikant jirtira l-applikazzjoni tiegħu b'mod espliċitu, l-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali għandha tiddeċiedi jew li twaqqaf l-eżami jew tirrifjuta l-applikazzjoni. Notifika ta' dan għandha tiddaħħal fil-fajl tal-applikant.

(2) Meta applikant ikun impliċitament irtira jew abbanduna l-applikazzjoni tiegħu, l-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali għandha tiżgura li tittieħed deċiżjoni biex jew jitwaqqaf l-eżami jew, sakemm dik l-applikazzjoni titqies bħala infondata fuq bażi ta' eżaminazzjoni adegwata dwar is-sustanza tagħha, li tiċħad l-applikazzjoni.

Verżjoni Elettronika



(3) Jekk l-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali tiddeċiedi li twaqqaf l-eżami mingħajr ma tieħu deċiżjoni, notifika ta' dan għandha tiddaħħal fil-fajl tal-applikant:

Iżda l-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali tista' tassumi li l-applikant impliċitament irtira jew abbanduna l-applikazzjoni tiegħu għal protezzjoni internazzjonali meta jiġi aċċertat li:

(a) ikun naqas milli jipprovdi informazzjoni essenzjali għall-applikazzjoni tiegħu jew ma deherx għal intervista personali sakemm l-applikant ma jurix, fi żmien raġonevoli, li n-nuqqas tiegħu kien dovut għal ċirkostanzi lil hinn mill-kontroll tiegħu; jew

(b) ikun ħarab jew telaq mingħajr awtorizzazzjoni mill-post fejn għex jew inżamm, mingħajr ma kkuntattja lill-awtoritajiet kompetenti fi żmien raġonevoli jew ma jkunx, fi żmien tletin (30) jum, ikkonforma mad-dmirijiet ta' rappurtar jew obbligi oħra li jikkomunika, sakemm l-applikant juri li dan kien dovut għal ċirkostanzi lil hinn mill-kontroll tiegħu.

(4) Applikant li jerġa' jirrapporta lill-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali wara deċiżjoni li jitwaqqaf l-eżami, huwa intitolat li jitlob li l-każ tiegħu jerġa' jinfetaħ jew li jagħmel applikazzjoni ġdida li ma għandhiex tkun applikazzjoni sussegwenti. Tali applikazzjoni għandha ssir bil-miktub fejn għandhom jiġu ddikjarati r-raġunijiet li jsostnu tali talba:

Iżda meta applikant jerġa' jirrapporta lill-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali wara disa' (9) xhur mid-deċiżjoni li jitwaqqaf l-eżami, allura l-każ tal-applikant ma jkunx jista' jerġa' jinfetaħ u l-applikazzjoni l-ġdida tista' tiġi trattata bħala applikazzjoni sussegwenti.

(5) F'każ li l-eżami tal-applikazzjoni jkun twaqqaf, il-każ tal-applikant jista' jerġa' jinfetaħ darba biss u l-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali tista' tiddeċiedi li terġa' tibda l-eżami fl-istadju fejn l-eżami kien twaqqaf.

(6) In-notifika ta' kwalunkwe dokument li għandu x'jaqsam mal-proċedura tal-asil għandha ssir permezz ta' kunsinna lill-applikant għal protezzjoni internazzjonali jew personalment, jew permezz ta' posta elettronika, jew bil-posta fl-aħħar indirizz magħruf tiegħu:

Verżjoni Elettronika



Iżda meta l-applikant ikun assistit minn konsulent legali jew rappreżentant, in-notifika ta' kwalunkwe dokument relatat mal-proċedura tal-asil tista' ssir lill-konsulent jew rappreżentant legali tiegħu.".

**6.** Minnufih wara r-regolament 13 tar-regolamenti prinċipali għandu jiżdied ir-regolament ġdid li ġej:

Iżid regolament ġdid mar-regolamenti prinċipali.

"Skadenza ta' protezzjoni internazzjonali.

13A. L-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali tista' tiddeċiedi li l-protezzjoni internazzjonali għandha tiskadi meta l-benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali jkun irrinunzja inekwivokament għal protezzjoni tiegħu jew ikun sar ċittadin Malti. Rinunzja inekwivoka għal protezzjoni għandha tinkludi *inter alia*:

(a) dikjarazzjoni bil-miktub mill-benefiċjarju li tikkonferma li qed jirrinunzja għall-istatus ta' protezzjoni tiegħu; jew

(b) nuqqas ta' tiġdid ta' protezzjoni internazzjonali f'perjodu ta' tnax-il (12) xahar minn meta tiskadi l-validità ta' tali protezzjoni jew it-tiġdid tagħha:

Iżda f'każ li benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali li jkun irrinunzja inekwivokament għall-protezzjoni tiegħu sussegwentement jagħmel personalment talba lill-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali biex jerġa' jiddaħħal l-istatus ta' protezzjoni internazzjonali tiegħu, l-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali għandha tirrevedi t-talba tiegħu biex tiddetermina jekk il-protezzjoni internazzjonali għandhiex terġa tingħata, sakemm il-persuna kkonċernata għadha tissodisfa l-kriterji ta' eliġibbiltà u ma tkunx eskluża mill-protezzjoni internazzjonali:

Iżda wkoll l-istess dispożizzjonijiet għandhom japplikaw ukoll għall-benefiċjarji tal-Protezzjoni Umanitarja Temporanja.".

**7.** Is-subregolament (2) tar-regolament 17 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

Jemenda r-regolament 17 tar-regolamenti prinċipali.

"(2) Għall-finijiet ta' dan ir-regolament, l-awtoritajiet rilevanti għandhom jiżguraw li:

Verżjoni Elettronika



(a) minuri mhux akkumpanjati jiġu mgħarrfa qabel l-eżami tal-applikazzjoni tagħhom għal protezzjoni internazzjonali, u f'ilsien li huma jifhmu jew li huma raġonevoment mistennija li jifhmu, bil-possibilità li l-età tagħhom tista' tiġi stabbilita permezz ta' eżami mediku. Dan għandu jinkludi informazzjoni dwar il-metodu ta' eżami u l-konsegwenzi possibbli tar-riżultat tal-eżami mediku għall-eżami tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali, kif ukoll bil-konsegwenzi ta' rifjut tal-minuri mhux akkumpanjati li jsirilhom eżami mediku li fih tista' tidħol iċ-ċaħda tal-applikazzjoni;

(b) minuri mhux akkumpanjati u, jew ir-rappreżentanti tagħhom jagħtu l-kunsens għat-twettiq tal-eżami mediku sabiex tiġi stabbilita l-età tal-minuri kkonċernati;

(ċ) id-deċiżjoni li tiġi miċħuda applikazzjoni minn minuri mhux akkumpanjat li rrifjuta li jsirlu dan l-eżami mediku ma kinitx ibbażata biss fuq dak ir-rifjut:

Iżda r-rifjut ta' minuri mhux akkumpanjat li jsirlu tali eżami mediku ma għandux iwaqqaf lill-awtorità li tiddeċiedi milli tieħu deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali, u li l-aħjar interessi tal-minuri għandhom ikunu konsiderazzjoni primarja f'kull deċiżjoni bħal dik.".

Jemenda r-regolament 18 tar-regolamenti prinċipali.

**8.** Il-paragrafu (a) tas-subregolament (1) tar-regolament 18 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

"(a) il-minuri mhux akkumpanjat għandu jkun rappreżentat u assistit minn rappreżentant, maħtur mill-Uffiċjal Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija għall-Ħarsien ta' Persuni li jkunu qed ifittxu l-Asil, matul il-fażijiet kollha tal-proċedura tal-asil;".

Jissostitwixxi r-regolament 20 tar-regolamenti prinċipali.

**9**. Ir-regolament 20 tar-regolamenti prinċipali għandu jkun sostitwit bir-regolament ġdid li ġej:

"Drittijiet tal-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali.

20. (1) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' xi liġi oħra kuntrarja, u minkejja kull ordni ta' deportazzjoni jew tat-tneħħija, persuna dikjarata bħala benefiċjarja ta' protezzjoni internazzjonali għandha tkun intitolata:

Verżjoni Elettronika



(a) mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-artikoli 9 u 10 tal-Att, li tibqa' f'Malta bil-libertà ta' moviment, u li tingħata, malajr kemm ikun possibbli, dokumenti personali, inkluż permess ta' residenza għal perijodu ta' tliet (3) snin, li għandu jiġi mġedded:

Iżda permess ta' residenza li għandu jingħata lill-membru tal-familja, jista' jkun validu għal mill-inqas tliet (3) snin u għandu jiġi mġedded;

(b) sakemm ma tkunx fil-kustodja waqt li tkun qed jistenna proċedimenti ġudizzjarji għat-twettiq ta' reat kriminali, jew tkun qed tiskonta piena ta' priġunerija, tingħata Dokument tal-Ivvjaġġar skont il-Konvenzjoni fil-każ ta' rifuġjat u Dokument tal-Ivvjaġġar skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi nazzjonali fil-każ ta' benefiċjarju ta' protezzjoni sussidjarja, li tintitolha li titlaq u tmur lura Malta mingħajr ma jkollha bżonn viża;

(ċ) li jkollha aċċess għal impjieg, ħarsien soċjali, programmi ta' integrazzjoni, akkomodazzjoni xierqa, edukazzjoni tal-Istat u taħriġ, u li tirċievi l-kura medika tal-Istat:

Iżda l-aċċess għall-impjieg, ħarsien soċjali, programmi ta' integrazzjoni, edukazzjoni tal-Istat u taħriġ, u kura medika tal-Istat inkluż it-trattament ta' disturbi mediċi għandhom jingħataw taħt l-istess kondizzjonijiet bħaċ-ċittadini;

Iżda wkoll il-benefiċċji soċjali mogħtija lil benefiċjarji ta' protezzjoni sussidjarja jistgħu jkunu limitati għal benefiċċji bażiċi ta' għajnuna soċjali;

Iżda wkoll il-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali għandu jkollhom aċċess għal akkomodazzjoni taħt kondizzjonijiet ekwivalenti bħal ċittadini oħra ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu legalment f'Malta.

(2) (a) Membri tal-familja ta' persuna mogħtija status ta' rifuġjat, jekk ikunu f'Malta fil-mument tad-deċiżjoni jew jekk jingħaqdu magħha f'Malta, igawdu l-istess drittijiet u benefiċċji bħala rifuġjati sabiex tkun tista' tinżamm l-għaqda tal-familja.

Verżjoni Elettronika



(b) Membri tal-familja ta' persuna mogħtija protezzjoni sussidjarja, jekk ikunu f'Malta fiż-żmien tad-deċiżjoni, igawdu l-istess drittijiet u benefiċċji bħall-persuna li tgawdi status ta' protezzjoni sussidjarja sabiex tkun tista' tinżamm l-għaqda tal-familja.

(3) Benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali li għandhom bżonnijiet speċjali, bħal nisa tqal, persuni b'diżabilità, persuni li għaddew minn tortura, stupru jew forom oħra serji ta' vjolenza psikoloġika, fiżika jew sesswali jew minuri li kienu vittmi ta' kwalunkwe forma ta' abbuż, negliġenza, sfruttament, tortura, trattament krudili, disuman u degradanti jew li sofrew minn kunflitt armat, għandhom jiġu pprovduti b'kura tas-saħħa adegwata inkluż trattament ta' disturbi mediċi.

(4) Benefiċjarji tal-Protezzjoni Internazzjonali għandhom jitħallew fil-libertà tal-moviment fit-territorju Malti.

(5) Benefiċjarji tal-protezzjoni umanitarja temporanja għandhom ikunu intitolati għall-istess drittijiet u benefiċċji bħal dawk għall-benefiċjarji tal-protezzjoni sussidjarja; iżda d-durata tal-protezzjoni għall-benefiċjarji tal-protezzjoni umanitarja temporanja għandha tkun ta' sena (1) u għandha tiġi mġedda. Dokumenti maħruġa lil dawn il-persuni għandu jkollhom l-istess perjodu ta' validità bħal tal-protezzjoni tagħhom.".

Jemenda r-regolament 23 tar-regolament prinċipali.

**10.** Ir-regolament 23 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subregolament (1) u minnufih wara għandu jiżdied is-subregolament ġdid li ġej:

"(2) Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, il-kunċett ta' pajjiż ta' oriġini sigur jista' jiġi applikat biss għal dawk il-pajjiżi li ġew nominati bħala pajjiżi siguri mill-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali u inklużi fl-Iskeda għall-Att.".